

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/1860

tal-10 ta' Ġunju 2022

li jstabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards, il-formati, il-frekwenza u l-metodi u l-arranġamenti għar-rapportar

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet <sup>(1)</sup> u b'mod partikolari l-Artikolu 9(6), ir-raba' subparagrafu, tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1247/2012 <sup>(2)</sup> għie emendat sostanzjalment. Ladarba jkunu meħtieġa emendi ulterjuri sabiex jittejjbu ċ-ċarezza u l-koerenza tal-qafas legali, inklużi r-rekwiżiti tar-rapportar f'ġuriżdizzjonijiet oħra, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1247/2012 jiħassar u jiġi sostitwit b'dan ir-Regolament.
- (2) Id-dettalji rrapportati lir-repożitorji tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet mill-kontropartijiet fid-derivattivi jenħtieġ li jitressqu f'format armonizzat sabiex jiġu ffaċilitati l-għbir, l-aggregazzjoni u t-tqabbil tad-*data* bejn ir-repożitorji tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet. Għalhekk, il-format għal kull wieħed mill-kampijiet tad-*data* li għandu jiġi rrapportat, jenħtieġ li jkun preskritt u jenħtieġ li r-rapporti jkunu standardizzati permezz ta' referenza għal standard ISO li jintuża b'mod wiesa' fl-industrija finanzjarja.
- (3) Għal derivattivi wieħed, jistgħu jitressqu għadd ta' rapporti, pereżempju jekk isiru modifiki suċċessivi għal dan id-derivattiv. Sabiex jiġi żgurat li kull rapport li jirrigwarda derivattiv, u kull derivattiv fl-intier tiegħu, jinftiehem kif suppost, jenħtieġ li r-rapporti jitressqu fis-sekwenza kronoloġika li fiha jkunu seħħew l-*eventi* rrapportati.
- (4) Sabiex jitnaqqas il-piż tar-rapportar tal-modifika ta' ċertu valuri, u b'mod partikolari d-dettalji relatati mal-valwazzjoni tal-kuntratt u l-marġni kostitwit jew riċevut, jenħtieġ li dawn id-dettalji jiġu rrapportati kif ikunu jinsabu fi tmiem kull jum.
- (5) Is-sistema tal-identifikatur globali tal-entitajiet ġuridiċi ("LEI" – legal entity identifier) issa għiet implimentata għalkollox u jenħtieġ għalhekk li kull kontroparti fderivattiv jew entità responsabbli għar-rapportar tuża din is-sistema biex tidentifika entità ġuridika frapport. Sabiex l-użu tas-sistema LEI jkun effettiv, jenħtieġ li din il-kontroparti jew din l-entità responsabbli għar-rapportar tiżgura li d-*data* ta' referenza relatata mal-LEI tagħha tiġġedded skont it-termini ta' emittent akkreditat tal-LEI, imsejjaħ Unità Operattiva Lokali.
- (6) Id-determinazzjoni tan-naħa tal-kontroparti fderivattiv hija kumplessa għal ċerti prodotti. Għaldaqstant, sabiex jiġi żgurat li din l-informazzjoni tiġi rrapportata b'mod konsistenti u preċiż, għandhom jiġu stabbiliti regoli speċifiċi għad-determinazzjoni tad-direzzjoni tad-derivattiv.
- (7) Sabiex jiġu ddeterminati l-iskoperturi reali tal-kontropartijiet, l-awtoritajiet kompetenti jirrikjedu informazzjoni kompluta u preċiża dwar il-kollateral skambjat bejn dawn il-kontropartijiet. Għaldaqstant jenħtieġ li jiġu ddeterminati regoli speċifiċi li jiżguraw approċċ konsistenti fir-rigward tar-rapportar tal-kollateralizzazzjoni għal derivattiv jew portafoll partikolari.

<sup>(1)</sup> ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1247/2012 tad-19 ta' Diċembru 2012 li jstipula standards tekniċi ta' implimentazzjoni rigward il-format u l-frekwenza tar-rapporti tan-negozju lir-repożitorji tad-tranżazzjonijiet skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet (ĠU L 352, 21.12.2012, p. 20).

- (8) L-ispeċifikazzjoni u l-klassifikazzjoni eżatta kif ukoll l-identifikazzjoni preċiża tad-derivattivi hija essenzjali għall-użu effiċjenti tad-*data* u għall-aggregazzjoni sinifikattiva tad-*data* bejn ir-repożitorji tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet, u għalhekk tikkontribwixxi għall-oġettivi tal-Bord għall-Istabilità Finanzjarja stabbiliti fl-Istudju tal-Vijabbiltà dwar l-Aggregazzjoni tad-*Data* tar-Repożitorji tad-*Data* dwar it-Tranżazzjonijiet fir-rigward tad-Derivattivi OTC ippubblikat fid-19 ta' Settembru 2014. Barra minn hekk, l-implimentazzjoni tal-Identifikatur uniku tal-prodott (UPI – Unique Product Identifier) maqbul fuq livell globali, hija essenzjali sabiex tkun tista' ssir l-aggregazzjoni tad-*data* dwar id-derivattivi fuq livell globali. Jenħtieġ għalhekk li jiġu stabbiliti r-reqwiżiti tar-rapportar marbuta mal-klassifikazzjoni u mal-identifikazzjoni tad-derivattivi sabiex din l-informazzjoni tkun disponibbli kollha kemm hi għall-awtoritajiet kompetenti.
- (9) Il-ġenerazzjoni u l-għoti fil-pront tal-Identifikatur Uniku tat-Tranżazzjoni (UTI – Unique Trade Identifier) <sup>(3)</sup> huma indispensabbli biex iż-żewġ kontropartijiet ikunu jistgħu jużaw l-istess UTI, u b'hekk jiżguraw l-identifikazzjoni u l-assoċjazzjoni kif suppost taż-żewġ rapporti li jirrigwardaw l-istess derivattiv. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti kriterji biex tiġi determinata l-entità responsabbli għall-ġenerazzjoni tal-UTI sabiex jiġi evitat li l-istess derivattiv jingħadd darbtejn. Barra minn hekk, sabiex dan l-oġettiv jiġi ggarantit għad-derivattivi konklużi ma' kontropartijiet barra mill-Unjoni, huwa importanti li dawn ir-regoli jiġu allinjati mal-gwida dwar il-UTI maqbula fuq livell globali.
- (10) Bidla tal-LEI ta' entità partikolari minħabba event korporattiv jew il-kisba ta' LEI minn entità ġuridika jaf twassal biex ikun hemm bżonn l-aġġornament ta' għadd sostanzjali ta' rapporti, b'mod partikolari r-rapporti kollha fejn tali entità tiġi identifikata bħala parti involuta f'derivattiv. Għal din ir-raġuni, jenħtieġ li tiġi stabbilita proċedura sabiex jiġi żgurat li r-repożitorji tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet ikunu jistgħu jaġġornaw l-identifikatur tal-entità b'mod ċentralizzat, u b'hekk jiġi żgurat proċess effiċjenti, robust u f'waqtu.
- (11) L-awtoritajiet jaf ma jkunux konxji minn ċerti problemi sinifikanti b'rabta mar-rapportar tal-entitajiet li jirrapportaw taħt superviżjoni, pereżempju meta problemi bħal dawn ma jirriżultawx f'rapporti rrifutati jew rikonċiljazzjonijiet li ma jirnexxux. Sabiex jiġi żgurat li l-awtoritajiet ikunu jafu bi problemi sinifikanti b'rabta mar-rapportar, jenħtieġ li l-entitajiet responsabbli għar-rapportar jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti dwar omissjonijiet u żbalji rilevanti fir-rapportar.
- (12) Meta kontroparti finanzjarja tkun unikament responsabbli, u ġuridikament obbligata li tirrapporta d-dettalji tal-kuntratti tad-derivattivi OTC fisem kontroparti mhux finanzjarja skont l-Artikolu 9(1a) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, jenħtieġ li kontroparti finanzjarja timplimenta l-arranġamenti meħtieġa biex tiżgura li tkun tista' tikkonforma kif dovut ma' dan l-obbligu mingħajr duplikazzjoni tar-rapportar tad-dettalji tad-derivattivi.
- (13) Id-diskrepanzi fir-rikonċiljazzjoni huma indikazzjoni ċara ta' problemi potenzjali bil-kwalità tad-*data* rrapportata. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-kontropartijiet, l-entitajiet responsabbli għar-rapportar u l-entitajiet li jressqu r-rapport, kif applikabbli, jimplimentaw arranġamenti biex jiżguraw li jinstab tarf ir-rikonċiljazzjonijiet li ma jirnexxux.
- (14) Sabiex jiġi żgurat li l-awtoritajiet ikunu jistgħu jonoraw il-mandati tagħhom b'mod effettiv, b'mod partikolari b'rabta mal-istabbiltà finanzjarja, huwa meħtieġ li jkollhom stampa ċara u kompluta tad-derivattivi kollha b'riskju pendenti. Huwa biss reqwiżit armonizzat biex id-derivattivi pendenti kollha jiġu aġġornati kif dovut li jista' jipprevjeni d-diverġenzi fl-implimentazzjoni tar-reqwiżiti tar-rapportar li japplikaw għad-derivattivi pendenti u b'hekk jittaffa r-riskju ta' mminar tal-konverġenza superviżorja. Barra minn hekk, l-iżgurar li r-rapporti li jirrigwardaw id-derivattivi pendenti jiġu allinjati f'termini ta' kontenut tad-*data* u kwalità tad-*data*, jippermetti s-simplifikazzjoni tal-flussi tar-rapportar u b'hekk, fuq perjodu twil taż-żmien, iwassal għal tnaqqis tal-kostijiet għall-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, inklużi r-repożitorji tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet, l-entitajiet li jirrapportaw u l-awtoritajiet. Għaldaqstant, sabiex jiġi ggarantit it-tijib fit-tħaddim tar-rapportar u t-tnaqqis tal-piż tar-rapportar, f'konformità mal-oġettivi tal-emendi tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 introdotti permezz tar-Regolament (UE) 2019/834 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(4)</sup>, huwa essenzjali li l-kontropartijiet jirrapportaw id-dettalji

<sup>(3)</sup> It-terminu "identifikaturi uniċi tat-tranżazzjoni (unique trade identifiers, UTIs)" użat fl-Artikolu 9(6) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 jikkorrispondi għal dak tal-Identifikatur Uniku tat-Tranżazzjoni (UTI – Unique Transaction Identifier) użat fl-istandard ISO 23897.

<sup>(4)</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/834 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 fir-rigward tal-obbligu tal-ikklerjar, is-sospensjoni tal-obbligu tal-ikklerjar, ir-reqwiżiti tar-rapportar, it-tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskju għal kuntratti tad-derivattivi OTC mhux ikklerjati minn kontroparti ċentrali, ir-reġistrazzjoni u s-superviżjoni ta' repożitorji tat-tranżazzjonijiet u r-reqwiżiti għar-repożitorji tat-tranżazzjonijiet (ĠU L 141, 28.5.2019, p. 42).

kompluti u preċiżi tad-derivattivi pendenti kollha skont ir-rekwiżiti attwalment applikabbli. Biex jittaffa l-piż inizjali relatat mal-aġġornament tad-derivattivi pendenti, jenħtieġ li jingħata żmien addizzjonali lill-kontropartijiet biex jaġġornaw id-*data* li tirrigwarda d-derivattivi pendenti. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-kontropartijiet ikollhom l-obbligu li jippreżentaw tali aġġornament fil-każ biss li, f'dak il-perjodu, ma sseħħ l-ebda modifika li tobbliga lill-kontroparti tirrapporta d-dettalji kompluti u preċiżi tad-derivattivi f'rapport li jirrigwarda dik il-modifika.

- (15) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni ppreżentat lill-Kummissjoni mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA).
- (16) L-ESMA kkonsultat lill-membri tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali qabel ma ppreżentat l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni li fuqu huwa bbażat dan ir-Regolament. L-ESMA wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni li fuqu huwa bbażat dan ir-Regolament, analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet il-parir tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq stabbilit f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(5)</sup>.
- (17) Sabiex il-kontropartijiet u r-repożitorji tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet ikunu jistgħu jieħdu l-azzjonijiet kollha meħtieġa biex jadattaw għar-rekwiżiti l-ġodda, id-*data* tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li tiġi differita bi 18-il xahar,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### Artikolu 1

### Standards u formati tad-*data* tar-rapporti dwar id-derivattivi

Id-dettalji ta' kuntratt tad-derivattivi li għandhom jiġu rrapportati skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 għandhom jiġu provduti skont l-istandards u l-formati stabbiliti fit-Tabelli 1, 2 u 3 tal-Anness ta' dan ir-Regolament u f'għamla komuni elettronika u li tinqara mill-magni u f'mudell XML komuni skont il-metodoloġija ISO 20022.

#### Artikolu 2

### Frekwenza tar-rapporti

1. Ir-rapporti kollha tad-dettalji ta' derivattivi speċifikat fl-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1855 <sup>(6)</sup> għandhom jiġu pprovduti fl-ordni kronoloġika li fiha sehew l-avvenimenti li jappartjenu għall-informazzjoni li għandha tiġi rrapportata.
2. CCP, kontroparti finanzjarja jew kontroparti mhux finanzjarja kif imsemmija fl-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, li tkun kontroparti f'derivattivi, jew l-entità responsabbli għar-rapportar, għandha tirrapporta kwalunkwe modifika tad-dettalji li jirrigwardaw id-*data* dwar il-kollateral fil-kampijiet tad-*data* 1 sa 29 fit-Tabella 3 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1855 bit-tip ta' azzjoni "Aġġornament tal-marġni", skont kif daww id-dettalji jkun jinsabu fi tmiem kull jum, għal dak id-derivattivi meta:
  - (a) id-derivattivi ma jkunx immatura u ma kienx soġġett għal rapport bit-tip ta' azzjoni "Terminazzjoni", "Żball" jew "Komponent tal-pożizzjoni" kif imsemmi fil-kamp tad-*data* 151 fit-Tabella 2 tal-Anness; jew
  - (b) id-derivattivi kien soġġett għal rapport bit-tip ta' azzjoni "Ftuħ mill-ġdid" u ma kienx segwit minn rapport ieħor bit-tip ta' azzjoni "Terminazzjoni" jew "Żball" kif imsemmi fil-kamp tad-*data* 151 fit-Tabella 2 tal-Anness.

<sup>(5)</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jstabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84)

<sup>(6)</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/1855 tal-10 ta' Ġunju 2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispesifikaw id-dettalji minimi tad-*data* li għandha tiġi rrapportata lir-repożitorji tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet u t-tip ta' rapporti li għandhom jintużaw (Ara l-paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

3. Kontroparti f'derivattiv imsemmi fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 2 li tkun CCP, kontroparti finanzjarja jew kontroparti mhux finanzjarja kif imsemmija fl-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 jew l-entità responsabbli għar-rapportar, għandha tirrapporta l-valwazzjoni skont is-suq jew skont mudell fi tmiem il-jum tal-kuntratt fil-kampijiet tad-*data* 21 sa 25 fit-Tabella 2 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1855 bit-tip ta' azzjoni "Aġġornament tal-valwazzjoni", skont kif tkun tinsab fi tmiem kull jum.

### Artikolu 3

#### Identifikazzjoni tal-kontropartijiet u entitajiet oħra

1. Rapport għandu juża kodiċi ta' identifikatur ta' entità ġuridika (LEI – Legal Entity Identifier) skont ISO 17442 biex jidentifika:

- (a) entità ta' senserija;
- (b) CCP;
- (c) membru tal-ikklerjar;
- (d) kontroparti li tkun entità ġuridika;
- (e) entità li tressaq ir-rapport;
- (f) entità responsabbli għar-rapportar;
- (g) fornitur tas-servizz ta' tnaqqis tar-riskju ta' wara n-negozjar.

2. Il-kontroparti 1 f'derivattiv kif imsemmija fil-kamp tad-*data* 4 fit-Tabella 1 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1855 u l-entità responsabbli għar-rapportar għandhom jżguraw li d-*data* ta' referenza relatata mal-kodiċi tal-LEI skont ISO 17442 rispettiv tiġġedded skont it-termini ta' kwalunkwe waħda mill-Unitajiet Operattivi Lokali akkreditati tas-Sistema Globali tal-LEI meta jiġu rrapportati l-konklużjoni jew il-modifika ta' kuntratt tad-derivattivi skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012.

### Artikolu 4

#### Direzzjoni tad-derivattiv

1. In-naħa tal-kontroparti fil-kuntratt tad-derivattivi msemmi fil-kampijiet tad-*data* 17 sa 19 tat-Tabella 1 tal-Anness għandha tiġi ddeterminata fil-mument tal-konklużjoni tad-derivattiv skont il-paragrafi 2 sa 14.

2. Fil-każ ta' opzjonijiet u swapzjonijiet, il-kontroparti li jkollha d-dritt teżerċita l-opzjoni għandha tiġi identifikata bħala x-xerrej, u l-kontroparti li tbigħ l-opzjoni u li tirċievi primjum għandha tiġi identifikata bħala l-bejjiegħ.

3. Fil-każ ta' forwards relatati ma' muniti, il-kontroparti 1 għandha tiġi identifikata bħala l-pagatur jew inkella r-riċevitur għall-komponent 1, u bil-maqlub għall-komponent 2. Il-kontroparti 2 għandha timla l-kampijiet tad-*data* 18 u 19 fit-Tabella 1 bil-valuri opposti għal dawk tal-kontroparti 1.

4. Fil-każ ta' swaps relatati ma' muniti fejn iseħħu skambji multipli ta' muniti, kull kontroparti għaż-żewġ komponenti tat-tranżazzjoni għandha tiġi identifikata bħala l-pagatur inkella r-riċevitur tal-komponent abbażi tal-iskambju tal-muniti li jkun l-aktar viċin għad-*data* ta' skadenza.

5. Fil-każ ta' forwards għajr forwards li jirrigwardaw muniti u fil-każ ta' futures, il-kontroparti li tixtri l-istrument għandha tiġi identifikata bħala x-xerrej u l-kontroparti li tbigħ l-istrument għandha tiġi identifikata bħala l-bejjiegħ.

6. Fil-każ ta' kuntratti finanzjarji għad-differenza u spreadbets, il-kontroparti li jkollha pożizzjoni qasira fir-rigward ta' kuntratt għandha tiġi identifikata bħala l-bejjiegħ, u l-kontroparti li jkollha pożizzjoni twila fir-rigward tal-kuntratt għandha tiġi identifikata bħala x-xerrej.

7. Fil-każ ta' swaps marbuta ma' dividendi, il-kontroparti li tirċievi l-ekwivalenti tal-pagamenti tal-ammont tad-dividendi għandha tiġi identifikata bħala x-xerrej u l-kontroparti li tħallas l-ekwivalenti tal-pagamenti tal-ammont tad-dividendi għandha tiġi identifikata bħala l-bejjiegħ.

8. Fil-każ ta' swaps relatati ma' titoli għajr swaps relatati ma' dividendi, il-kontroparti 1 għandha tiġi identifikata bħala l-pagatur jew inkella r-riċevitur għall-komponent 1, u bil-maqlub għall-komponent 2. Il-kontroparti 2 għandha timla l-kampijiet tad-*data* 18 u 19 fit-Tabella 1 bil-valuri opposti għal dawk tal-kontroparti 1.
9. Fil-każ ta' swaps relatati ma' rati tal-imgħax jew indiċijiet tal-inflazzjoni, inklużi l-iswaps bejn il-muniti, il-kontroparti 1 għandha tiġi identifikata bħala l-pagatur jew inkella r-riċevitur għall-komponent 1, u bil-maqlub għall-komponent 2. Il-kontroparti 2 għandha timla l-kampijiet tad-*data* 18 u 19 fit-Tabella 1 bil-valuri opposti għal dawk tal-kontroparti 1.
10. Bl-eċċezzjoni tal-opzjonijiet u s-swapzjonijiet, fil-każ ta' strumenti derivattivi għat-trasferiment ta' riskju ta' kreditu, il-kontroparti li tixtri l-protezzjoni għandha tiġi identifikata bħala x-xerrej u l-kontroparti li tbigħ il-protezzjoni għandha tiġi identifikata bħala l-bejjiegħ.
11. Fil-każ ta' swaps relatati ma' komoditajiet, il-kontroparti 1 għandha tiġi identifikata bħala l-pagatur jew inkella r-riċevitur għall-komponent 1, u bil-maqlub għall-komponent 2. Il-kontroparti 2 għandha timla l-kampijiet tad-*data* 18 u 19 fit-Tabella 1 bil-valuri opposti għal dawk tal-kontroparti 1.
12. Fil-każ ta' ftehimiet tar-rata forward, il-kontroparti 1 għandha tiġi identifikata bħala l-pagatur jew inkella r-riċevitur għall-komponent 1, u bil-maqlub għall-komponent 2. Il-kontroparti 2 għandha timla l-kampijiet tad-*data* 18 u 19 fit-Tabella 1 bil-valuri opposti għal dawk tal-kontroparti 1.
13. Fil-każ ta' derivattivi relatati ma' varjanza, volatilità u korrelazzjoni, il-kontroparti li tiggwadanja minn żieda fil-prezz tas-sottostanti għandha tiġi identifikata bħala x-xerrej u l-kontroparti li tiggwadanja minn tnaqqis fil-prezz tas-sottostanti għandha tiġi identifikata bħala l-bejjiegħ.

#### Artikolu 5

### Kollateralizzazzjoni

Il-kontroparti li tirrapporta għandha tidentifika t-tip ta' kollateralizzazzjoni tal-kuntratt tad-derivattivi jew portafoll ta' derivattivi msemmi fil-kamp tad-*data* 11 fit-Tabella 3 tal-Anness kif ġej:

- (a) bħala "mhux kollateralizzat" meta ma jkunx jeżisti ftehim ta' kollateral bejn il-kontropartijiet jew meta l-ftehim ta' kollateral bejn il-kontropartijiet jistipula li l-kontropartijiet la jikkostitwixxu marġni inizjali u lanqas marġni ta' varjazzjoni fir-rigward tad-derivattiv jew portafoll ta' derivattivi;
- (b) bħala "parzjalment kollateralizzat: kontroparti 1 biss" meta l-ftehim ta' kollateral bejn il-kontropartijiet jistipula li l-kontroparti li tirrapporta regolarment tikkostitwixxi biss marġnijiet ta' varjazzjoni u li l-kontroparti l-oħra ma tikkostitwixxi l-ebda marġni fir-rigward tad-derivattiv jew portafoll ta' derivattivi;
- (c) bħala "parzjalment kollateralizzat: kontroparti 2 biss" meta l-ftehim ta' kollateral bejn il-kontropartijiet jistipula li l-kontroparti l-oħra regolarment tikkostitwixxi biss marġnijiet ta' varjazzjoni u li l-kontroparti li tirrapporta ma tikkostitwixxi l-ebda marġni fir-rigward tad-derivattiv jew portafoll ta' derivattivi;
- (d) bħala "parzjalment kollateralizzat" meta l-ftehim ta' kollateral bejn il-kontropartijiet jistipula li ż-żewġ kontropartijiet regolarment jikkostitwixxu biss marġni ta' varjazzjoni fir-rigward tad-derivattiv jew portafoll ta' derivattivi;
- (e) bħala "kollateralizzat b'mod unilaterali: kontroparti 1 biss" meta l-ftehim ta' kollateral bejn il-kontropartijiet jistipula li l-kontroparti li tirrapporta tikkostitwixxi l-marġni inizjali u regolarment tikkostitwixxi marġnijiet ta' varjazzjoni u li l-kontroparti l-oħra ma tikkostitwixxi l-ebda marġni fir-rigward tad-derivattiv jew portafoll ta' derivattivi;
- (f) bħala "kollateralizzat b'mod unilaterali: kontroparti 2 biss" meta l-ftehim ta' kollateral bejn il-kontropartijiet jistipula li l-kontroparti l-oħra tikkostitwixxi l-marġni inizjali u regolarment tikkostitwixxi marġnijiet ta' varjazzjoni u li l-kontroparti li tirrapporta ma tikkostitwixxi l-ebda marġni fir-rigward tad-derivattiv jew portafoll ta' derivattivi;
- (g) bħala "kollateralizzat b'mod unilaterali/parzjalment kollateralizzat: kontroparti 1" meta l-ftehim ta' kollateral bejn il-kontropartijiet jistipula li l-kontroparti li tirrapporta tikkostitwixxi l-marġni inizjali u regolarment tikkostitwixxi marġni ta' varjazzjoni u li l-kontroparti l-oħra regolarment tikkostitwixxi biss il-marġni ta' varjazzjoni fir-rigward tad-derivattiv jew portafoll ta' derivattivi;

- (h) bħala “kollateralizzat b’mod unilaterali/parzjalment kollateralizzat: kontroparti 2” meta l-ftehim ta’ kollateral bejn il-kontropartijiet jistipula li l-kontroparti l-oħra tikkostitwixxi l-marġni inizjali u regolarment tikkostitwixxi marġni ta’ varjazzjoni u li l-kontroparti li tirrapporta regolarment tikkostitwixxi biss il-marġni ta’ varjazzjoni fir-rigward tad-derivattiv jew portafoll ta’ derivattivi;
- (i) bħala “kompletament kollateralizzat” meta l-ftehim ta’ kollateral bejn il-kontropartijiet jistipula li ż-żewġ kontropartijiet jikkostitwixxu l-marġni inizjali u regolarment jikkostitwixxu marġnijiet ta’ varjazzjoni fir-rigward tad-derivattiv jew portafoll ta’ derivattivi.

#### Artikolu 6

### Speċifikazzjoni, identifikazzjoni u klassifikazzjoni tad-derivattivi

1. Rapport għandu jispeċifika derivattiv abbażi tat-tip ta’ kuntratt u tal-klassi tal-assi skont il-kampijiet tad-*data* 10 u 11 fit-Tabella 2 tal-Anness.

Ir-rapport għandu jispeċifika l-klassi tal-assi li l-aktar tixbah lid-derivattiv fil-każijiet li fihom id-derivattivi ma jkunux jappartjenu għal waħda mill-klassijiet ta’ derivattivi msemmija fil-kamp tad-*data* 11 fit-Tabella 2 tal-Anness. Iż-żewġ kontropartijiet għandhom jispeċifikaw l-istess klassi ta’ assi.

2. Derivattiv għandu jiġi identifikat fil-kamp tad-*data* 7 fit-Tabella 2 tal-Anness bl-użu ta’ kodiċi tan-numru internazzjonali għall-identifikazzjoni tat-titoli (ISIN – International Securities Identification Number) skont ISO 6166 f’wieħed mill-każijiet li ġejjin:

- (a) ikun ammess għan-negozjar jew innegozjat f’ċentru tan-negozjar;
- (b) ikun innegozjat f’internalizzatur sistematiku u s-sottostanti tiegħu jkun ammess għan-negozjar jew innegozjat f’ċentru tan-negozjar jew ikun indiċi jew basket magħmul minn strumenti nnegozjati f’ċentru tan-negozjar.

3. Derivattiv li mhuwiex id-derivattiv imsemmi fil-paragrafu 2 għandu jiġi identifikat fil-kamp tad-*data* 8 tat-Tabella 2 tal-Anness billi jintuża kodiċi tal-identifikatur uniku tal-prodott (UPI – Unique Product Identifier) skont ISO 4914.

4. Il-kontroparti li tirrapporta għandha tikklassifika d-derivattiv fil-kamp tad-*data* 9 fit-Tabella 2 tal-Anness billi tuża kodiċi tal-Klassifikazzjoni tal-Istrumenti Finanzjarji (CFI – Classification of Financial Instrument) skont ISO 10962.

#### Artikolu 7

### Identifikatur Uniku tat-Tranżazzjoni

1. Il-kontropartijiet għandhom jirrapportaw id-derivattivi billi jużaw il-UTI ġġenerat skont il-paragrafi 2, 3 u 5.
2. Derivattiv, irrapportat fil-livell tat-tranżazzjoni jew tal-pożizzjoni, għandu jiġi identifikat bl-użu ta’ Identifikatur Uniku tat-Tranżazzjoni (UTI – Unique Transaction Identifier) skont ISO 23897 fil-kamp tad-*data* 1 fit-Tabella 2 tal-Anness. Il-UTI għandu jkun magħmul mil-LEI tal-entità li ġġenerat dak il-UTI segwit minn kodiċi li jkun fih sa 32 karattru li jkun uniku fil-livell tal-entità generatriċi.
3. Il-kontropartijiet għandhom jiddeterminaw l-entità responsabbli għall-ġenerazzjoni tal-UTI skont dan li ġej:
  - (a) għad-derivattivi kklerjati għajr derivattivi bejn żewġ CCPs, il-UTI għandu jiġi ġġenerat fil-punt tal-ikklerjar mis-CCP għall-membri tal-ikklerjar. Għandu jiġi ġġenerat UTI differenti mill-membri tal-ikklerjar għall-kontroparti tiegħu fi tranżazzjoni li fiha s-CCP ma tkunx kontroparti;
  - (b) għal derivattivi eżegwiti ċentralment iżda mhux ikklerjati ċentralment, il-UTI għandu jiġi ġġenerat miċ-ċentru tal-eżekuzzjoni għall-membri tiegħu;
  - (c) għad-derivattivi għajr dawk imsemmija fil-punti (a) u (b), fejn kwalunkwe waħda mill-kontropartijiet tkun soġġetta għar-rekwiżiti tar-rapportar f’pajjiż terz, il-UTI għandu jiġi ġġenerat skont ir-regoli tal-ġurisdizzjoni tal-kontroparti li trid tikkonforma l-ewwel ma’ dawk ir-rekwiżiti tar-rapportar.

Meta l-kontroparti soġġetta għar-rapportar skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 trid tikkonforma l-ewwel mar-rekwiżiti tar-rapportar, l-entità responsabbli għall-ġenerazzjoni tal-UTI għandha tkun kif ġej:

- (i) għad-derivattivi li jkunu ġew ikkonfermati ċentralment permezz ta' mezzi elettroniċi, il-pjattaforma tal-konferma tat-tranżazzjonijiet fil-punt tal-konferma;
- (ii) għad-derivattivi l-oħra kollha, il-kontropartijiet għandhom jaqblu dwar l-entità responsabbli għall-ġenerazzjoni tal-UTI. Meta l-kontropartijiet ma jaqblux, il-kontroparti li l-LEI tagħha jkun l-ewwel ibbażat fuq l-issortjar tal-identifikaturi tal-kontropartijiet bil-karattri tal-identifikatur f'ordni invers għandha tkun responsabbli għall-ġenerazzjoni.

Meta l-iġijiet applikabbli tal-pajjiż terz rilevanti jipprevedu l-istess skadenza tar-rapportar bħal dik applikabbli għall-kontroparti soġġetta għar-rapportar skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, il-kontropartijiet għandhom jaqblu dwar l-entità responsabbli għall-ġenerazzjoni tal-UTI.

Meta l-kontropartijiet ma jaqblux, u d-derivattivi ikun ġie kkonfermat ċentralment b'mezzi elettroniċi, il-UTI għandu jiġi ġġenerat permezz tal-pjattaforma tal-konferma tat-tranżazzjonijiet fil-punt tal-konferma.

Jekk il-UTI ma jkunx jista' jiġi ġġenerat mill-pjattaforma tal-konferma tat-tranżazzjonijiet fil-punt tal-konferma, u d-dettalji tad-derivattivi ikollhom jiġu rrapportati f'repożitorju uniku tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet, dan ir-repożitorju tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet għandu jkun responsabbli għall-ġenerazzjoni tal-UTI.

Jekk il-UTI ma jkunx jista' jiġi ġġenerat mir-repożitorju tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet li lilu jkunu ġew irrapportati d-dettalji tad-derivattivi, il-kontroparti li l-LEI tagħha jkun l-ewwel wieħed fl-issortjar tal-identifikaturi tal-kontropartijiet bil-karattri f'ordni invers għandha tkun responsabbli għall-ġenerazzjoni;

- (d) għad-derivattivi għajr dawk imsemmija fil-punti (a), (b) u (c), li jkunu ġew ikkonfermati ċentralment b'mezzi elettroniċi, il-UTI għandu jiġi ġġenerat permezz tal-pjattaforma tal-konferma tat-tranżazzjonijiet fil-punt tal-konferma;
- (e) għad-derivattivi l-oħra għajr dawk imsemmija fil-punti (a) sa (d), għandu japplika dan li ġej:
  - (i) meta l-kontropartijiet finanzjarji jikkonkludu derivattivi ma kontropartijiet mhux finanzjarji, il-kontropartijiet finanzjarji għandhom jiġġeneraw il-UTI;
  - (ii) meta l-kontropartijiet mhux finanzjarji li jaqbżu l-livell limitu tal-ikklerjar jikkonkludu derivattivi ma' kontropartijiet mhux finanzjarji li ma jaqbżux il-livell limitu tal-ikklerjar, dawn il-kontropartijiet mhux finanzjarji li jaqbżu l-livell limitu tal-ikklerjar għandhom jiġġeneraw il-UTI;
  - (iii) għad-derivattivi l-oħra kollha għajr dawk imsemmija fil-punti (i) u (ii), il-kontropartijiet għandhom jaqblu dwar l-entità responsabbli għall-ġenerazzjoni tal-UTI. Meta l-kontropartijiet ma jaqblux, il-kontroparti li l-LEI tagħha jkun l-ewwel ibbażat fuq l-issortjar tal-identifikaturi tal-kontropartijiet bil-karattri tal-identifikatur f'ordni invers għandha tkun responsabbli għall-ġenerazzjoni.

4. Il-kontroparti li tiġġenera l-UTI għandha tikkomunika l-UTI lill-kontroparti l-oħra b'mod f'waqt u mhux aktar tard mill-10.00 a.m. ħin universali koordinat tal-jum tax-xogħol l-għada tad-*data* tal-konklużjoni tad-derivattivi.

5. Minkejja l-paragrafu 3, il-ġenerazzjoni tal-UTI tista' tiġi ddelegata lil entità differenti minn dik iddeterminata skont il-paragrafu 3. L-entità li tiġġenera l-UTI għandha tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 2 u 4.

#### Artikolu 8

### Rapportar tal-bidliet tal-LEI u aġġornament tal-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-LEI

1. Fil-każijiet li fihom kontroparti identifikata skont l-Artikolu 3 f'rapport dwar derivattivi tkun soġġetta għal event ta' ristrutturar korporattiv li jwassal għal bidla tal-LEI tagħha, dik il-kontroparti jew il-kontroparti li tagħha huwa l-LEI l-ġdid, jew l-entità responsabbli għar-rapportar f'isem waħda minn dawk iż-żewġ kontropartijiet skont l-Artikolu 9(1a) sa (1d) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, jew l-entità li waħda mill-kontropartijiet tkun iddelegatilha r-rapportar skont l-Artikolu 9(1f) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, għandha tinnofika bil-bidla lir-repożitorju tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet li

lilu l-kontroparti soġġetta għal event ta' ristrutturar korporattiv tkun irrapporatat id-derivattivi tagħha, u titlob aġġornament tal-LEI fid-derivattivi kkonċernati msemmija fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 2(2) fid-data tal-event ta' ristrutturar korporattiv li jwassal għal bidla tal-LEI jew kuntratti rrapportati wara dik id-data.

2. Fejn possibbli, it-talba ta' aġġornament tal-identifikatur fid-derivattivi msemmija fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 2(2) għandha ssir minn tal-anqas 30 jum kalendarju qabel l-event ta' ristrutturar korporattiv li jwassal għal bidla tal-LEI. Jekk l-entità msemmija fil-paragrafu 1 ma tkunx tista' ttiprovdi din l-informazzjoni lir-repożitorju tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet 30 jum kalendarju qabel l-event ta' ristrutturar korporattiv li jwassal għal bidla tal-LEI, għandha tinnotifika lir-repożitorju tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet mill-aktar fis possibbli.

3. It-talba msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi minn tal-anqas dan li ġej:

(a) il-LEI ta' kull waħda mill-kontropartijiet li jipparteċipaw fl-event ta' ristrutturar korporattiv;

(b) il-LEI tal-kontroparti l-ġdida;

(c) id-data li fiha sseħħ jew tkun seħħet il-bidla tal-LEI;

(d) il-UTIs tad-derivattivi kkonċernati f'każ li l-event ta' ristrutturar korporattiv jolqot biss subsett ta' derivattivi msemmija fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 2(2);

(e) evidenza li l-event ta' ristrutturar korporattiv sar jew se jsir, soġġett għad-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw l-iżvelar pubbliku ta' informazzjoni privileġġata fl-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 596/2014.

4. Meta kontroparti tinnotifika bi żball lil repożitorju tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet dwar bidla fil-LEI tagħha, għandha ssegwi l-proċedura biex titlob aġġornament tal-LEI tagħha skont il-paragrafi 1, 2 u 3.

5. Meta kontroparti identifikata preċedentement permezz ta' identifikatur li mhuwiex il-LEI, tikseb LEI, japplikaw il-proċeduri skont il-paragrafi 1, 2 u 3.

6. Fil-każijiet li fihom bidla fil-LEI tkun tikkonċerna kontroparti stabbilita f'pajjiż terz, il-kontroparti tar-rapportar tagħha stabbilita fl-Unjoni jew l-entità responsabbli għar-rapportar skont l-Artikolu 9(1a) sa (1d) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 jew l-entità li l-kontroparti tar-rapportar stabbilita fl-Unjoni tkun iddelegatilha r-rapportar għandha tibda l-proċedura skont il-paragrafi 1, 2 u 3.

7. Fil-każijiet li fihom kontroparti stabbilita f'pajjiż terz identifikata preċedentement permezz ta' identifikatur li mhuwiex il-LEI, tikseb LEI, kull kontroparti li tirrapporta stabbilita fl-Unjoni milquta minn din il-bidla jew l-entità responsabbli għar-rapportar skont l-Artikolu 9(1a) sa (1d) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 jew l-entità li l-kontroparti tar-rapportar stabbilita fl-Unjoni tkun iddelegatilha r-rapportar għandha titlob l-aġġornament tal-identifikatur tal-kontroparti stabbilita f'pajjiż terz lir-repożitorju tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet rispettiv tagħha.

8. Fil-każijiet li fihom il-bidla fil-LEI tikkonċerna entità msemmija fil-punti (a), (b), (c), (e) jew (g) tal-Artikolu 3(1), li mhijex kontroparti fid-derivattivi, il-kontroparti 1 jew l-entità responsabbli għar-rapportar għandha tikkonferma lir-repożitorju tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet il-UTIs tad-derivattivi kkonċernati msemmija fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 2(2). Fil-każijiet li fihom il-kontroparti 1 u l-entità responsabbli għar-rapportar ma jikkonfermawx lir-repożitorju tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet il-UTIs tad-derivattivi msemmija fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 2(2) ikkonċernati mill-bidla fil-LEI, il-kontroparti 1 jew l-entità responsabbli għar-rapportar għandha taġġorna l-LEI tal-entità kkonċernata fir-rapporti kollha li jirrigwardaw id-derivattivi kkonċernati msemmija fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 2(2) billi tibgħat rapport bit-tip ta' azzjoni "Modifika".

## Artikolu 9

### Metodi u arranġamenti għar-rapportar

1. L-entità responsabbli għar-rapportar għandha tinnotifika lill-awtorità kompetenti tagħha u, jekk differenti, lill-awtorità kompetenti tal-kontroparti li tirrapporta bi kwalunkwe waħda mill-istanzi li ġejjin:

(a) kwalunkwe rapportar ħażin ikkawżat minn difetti fis-sistemi ta' rapportar li jolqot għadd sinifikanti ta' rapporti,



- (b) kwalunkwe ostaklu fir-rapportar li ma jħallix lill-entità li tressaq ir-rapport tibgħat rapporti lil repożitorju tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet sal-iskadenza msemmija fl-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012,
- (c) kwalunkwe kwistjoni sinifikanti li tirriżulta fi żbalji ta' rapportar li ma tikkawżax rifjut minn repożitorju tat-tranżazzjonijiet f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1858 (\*).

L-entità responsabbli għar-rapportar għandha tinnofika fil-pront kwalunkwe waħda minn dawn l-istanzi, minnufih hekk kif issir taf bihom.

In-notifika għandha tinkludi minn tal-anqas it-tip ta' żball jew ommissjoni, id-data tal-okkorrenza, l-ambitu tar-rapporti milquta, ir-raġunijiet għall-iżbalji jew l-ommissjonijiet, il-passi meħuda biex tissolva l-kwistjoni u l-iskeda taż-żmien biex tissolva l-kwistjoni u l-korrezzjonijiet.

2. Fil-każijiet li fihom kontroparti finanzjarja tkun unikament responsabbli, u ġuridikament obligata li tirrapporta d-dettalji tal-kuntratti tad-derivattivi OTC fisem kontroparti mhux finanzjarja skont l-Artikolu 9(1a) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, għandha timplimenta l-arranġamenti li ġejjin:

- (a) arranġamenti għall-ġhoti f'waqtu mill-kontroparti mhux finanzjarja tad-dettalji li ġejjin tal-kuntratti tad-derivattivi OTC li l-kontroparti finanzjarja ma tistax tkun raġonevolment mistennija li tipposjedihom u f'każ li dawn ma jkunux magħrufa minn dik il-kontroparti finanzjarja:
  - (i) l-ID tas-sensar, kif imsemmija fil-kamp tad-*data* 15 fit-Tabella 1 tal-Anness;
  - (ii) il-membri tal-ikklerjar, kif imsemmi fil-kamp tad-*data* 16 fit-Tabella 1 tal-Anness;
  - (iii) b'rabta diretta mal-attività kummerċjali jew mal-finanzjament tat-teżor kif imsemmi fil-kamp tad-*data* 20 fit-Tabella 1 tal-Anness;
- (b) arranġamenti għall-informazzjoni f'waqtha mill-kontroparti mhux finanzjarja lill-kontroparti finanzjarja dwar kwalunkwe bidla fl-obbligi legali skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012;
- (c) arranġamenti għal tiġdid kif dovut mill-kontroparti mhux finanzjarja tal-LEI tagħha skont it-termini ta' kwalunkwe waħda mill-Unitajiet Operattivi Lokali akkreditati tas-Sistema Globali tal-LEI;
- (d) arranġamenti għal notifika f'waqtha mill-kontroparti mhux finanzjarja lill-kontroparti finanzjarja rigward id-deċiżjoni tagħha li tibda jew tieqaf tirrapporta d-dettalji tal-kuntratti tad-derivattivi OTC konklużi mal-kontroparti finanzjarja. Arranġamenti bħal dawn għandhom minn tal-anqas jiżguraw li n-notifika ssir bil-miktub jew b'mezzi elettroniċi ekwivalenti oħra minn tal-anqas 10 ijiem tax-xogħol qabel id-data li fiha l-kontroparti mhux finanzjarja tkun tixtieq tibda jew tieqaf tirrapporta.

3. Il-kontropartijiet, l-entitajiet responsabbli għar-rapportar u l-entitajiet li jissottomettu r-rapport, kif applikabbli, għandu jkollhom fis-seħħ arranġamenti li jiżguraw li jitqies il-feedback dwar il-fallimenti ta' rikonċiljazzjoni pprovduti skont l-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1858.

#### Artikolu 10

#### **Id-*data* sa meta l-kuntratti tad-derivattivi għandhom jiġu rrapportati**

Kontroparti f'derivattivi li tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt (a) jew (b) tal-Artikolu 2(2) fi XX ta' XX 20XX jew l-entità responsabbli għar-rapportar għandha tirrapporta d-dettalji kollha ta' dak id-derivattiv meħtieġa f'konformità mal-Anness billi tressaq rapport bit-tip ta' event "Aġġornament" fi żmien 180 jum kalendarju minn [Data tal-applikazzjoni tal-istandard tekniku ta' implimentazzjoni], dment li dawn ma jkunux ressqu rapport bit-tip ta' azzjoni "Modifika" jew "Korrezzjoni" għal dak id-derivattiv waqt dan il-perjodu.

(\* Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/1858 tal-10 ta' Ġunju 2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispesifikaw il-proċeduri għar-rikonċiljazzjoni tad-*data* bejn ir-repożitorji tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet u l-proċeduri li għandhom jiġu applikati mir-repożitorju tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet biex jivverifika l-konformità mill-kontroparti li tirrapporta jew mill-entità li tressaq ir-rapport mar-rekwiżiti tar-rapportar u biex jivverifika l-kompletezza u l-korrettezza tad-*data* rrapportata (Ara l-paġna 46 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

*Artikolu 11***Tħassir**

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1247/2012 jitħassar.

Ir-referenzi għar-Regolament imħassar għandhom jinftehemu bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 12***Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mi 29 ta' April 2024.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Ġunju 2022.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Ursula VON DER LEYEN

---

## ANNEX

Tabella 1

	Taqsim	Kamp tad- <i>data</i>	Format
1	Partijiet f'derivattiv	Kronogramma tar-rapportar	Id- <i>data</i> skont l-istandard ISO 8601 fil-format tal-ħin universali koordinat (UTC) SSSS-XX-JJTss:mm:ssZ
2	Partijiet f'derivattiv	ID tal-entità li tressaq ir-rapport	L-identifikatur ta' entità ġuridika (LEI) skont ISO 17442, kodiċi b'20 karattru alfanumeriku li huwa inkluż fid- <i>data</i> tal-LEI kif ippubblikata mill-Global LEI Foundation.
